Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

It-Tnejn 6 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu, li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

ASSENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Jordy Brincat | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| 11.1 | Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji |
| 11.1.1 | Is-Sa. Elenia Desira bagħtet ittra ta’ apologija sabiex tiġi skużata mil-laqgħa għar-ragunijiet li m’għandix kontroll fuqhom. Il-Kunsilliera preżenti aċċetaw l-apoloġija u ma’ sabu l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata. |
| 11.1.2 | Is-Sur Daniel Zerafa bagħat ittra ta’ apoloġija sabiex jiġi skużat mil-laqgħa għar-raġunijiet li m’għandux kontroll fuqhom. Il-Kunsilliera preżenti aċċetaw l-apoloġija u ma’ sabu l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużat. |
| 11.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 11.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduti preċedenti numerati, 9 u 10 flimkien ma’ kopja tal-minuti tal-laqgħa annwali fejn ġie diskuss il-*Budget* tal-Kunsill għas-sena 2020, tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta’ dawn il-laqgħat ttieħdu bħala moqrija. |
| 11.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona, u Dr.Janice Chetcuti ssekondat il-minuti tas-seduti preċedenti numerati, 9 u 10 flimkien ma’ kopja tal-minuti tal-laqgħa annwali fejn kien ġie diskuss il-*Budget* tal-Kunsill għas-sena 2020, ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 11.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 11.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li jinsab iddispjaċut ferm li twaqqaf *billboard* kbir fi Triq iż-Żejtun. Dan il-*billboard* juri li sar ċentru tas-saħħa ġdid f’Ħal Kirkop. Is-Sindku xtaq li minflok ritratt ta` dan iċ-ċentru jara pjanta taċ-ċentru tas-saħħa li kellu jibda jinbena f’Marsaxlokk. Sal-ġurnata tal-llum is-Sindku qal li għadu ma rċieva jew ra l-ebda pjanta fuq iċ-ċentru tas-saħħa ta` Marsaxlokk. |
| 11.3.2 | Is-Sindku tkellem dwar l-ittri irreġistrati li ntbgħatu lill-bejjiegħa tal-monti ta` nhar ta` Ħadd. Is-Sindku qal li dawn l-ittri saru, iffirmahom hu, u li dawn intbgħatu kollha r-reġistrati għas-spejjeż tal-ministeru. Dawn l-ittri jinfurmaw lil kull bejjiegħ sabiex jiġi l-Kunsill matul il-ġranet imniżżla fuq l-ittra u jiltaqa’ ma’ rappreżentant tal-Ministeru, fejn hu se jkun qed jirċievi l-mistoqsijiet u l-ilmenti li kull bejjiegħ kellu wara l-ewwel ittra li kien irċieva. Din l-ittra ntbgħatet lil kull bejjiegħ tal-monti reġistrata sabiex kulħadd ikollu ċ-ċans jiltaqa’ ma’ dan ir-rappreżentant. |
| 11.3.3 | Is-Sindku semma l-kontroversja u d-diskussjoni li qamet ftit tal-ġranet ilu fuq grupp lokali f’sit soċjali, dwar l-abbuż minn uħud mis-sidien tar-restoranti fuq l-mwejjed u siġġijiet f’Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku qal li l-għada stess ta’ din il-kontroversja, il-Kunsill ħa l-passi meħtieġa bl-għajnuna tal-pulizija, sabiex dan l-abbuż jitwaqqaf. Semma wkoll li flimkien mal-Ministeru, qed jaħdmu sabiex l-istess marki tal-bejjiegħa tal-monti jservu wkoll għall-imwejjed u siġġijiet tar-restoranti. Dan il-proċess ħa naqra fit-tul għax kellna nieqfu għal ftit ġimgħat minħabba li nqalgħu ċirkostanzi oħra lejn l-aħħar tas-sena. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fi ftit ġimgħat oħra ser tintbgħat ittra lis-sidien tar-restoranti sabiex issir laqgħa magħhom fuq din l-istess materja. |

| | |
|---|---|
| 11.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li tkellem mal-Pulizija rigward il-karrijiet u d-dgħajjes li hawn imferxa fit-toroq tagħna. Fakkar li fil-passat kien sar eżerċizzju bejn il-Kunsill Lokali, l-Pulizija u uffiċjali minn Transport Malta sabiex nwaħħlu l-avviżi fuq id-dgħajjes u l-karrijiet u kif ukoll inġibu l-avviżi fuq il-Gazzetta tal-Gvern sabiex is-sidien ineħħu l-ingombri mit-toroq. Ser nippruvaw li dan l-istess proċess jerġa jsir fil-ġranet li ġejjin. |
| 11.3.5 | Is-Sindku, flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv iltaqà mal-kuntrattur li jiġbor il-*Bulky Refuse*, rigward il-kontijiet pendenti li kellu u li kien għadu ma tħallasx tagħhom minħabba li l-Kunsill kien qabel li jkollu verifika dwarhom. Fil-jiem ta' qabel sar eżerċizzju mill-impjegati tal-Kunsill bejn il-kontijiet passati li kienu diġa mħallsa u dawk pendenti. Minn dan l-eżerċizzju irriżulta li l-kontijiet kienu bejn wieħed u ieħor fl-istess ammont. Dan ġie diskuss mal-Kuntrattur kif ukoll ġew iċċarati diversi materji fejn issemew Kunsilliera u impjegati. Wara qbil bejn il-Kunsilliera preżenti, ġie deċiż li jitħallsu l-kontijiet kollha li hemm pendenti mal-kuntrattur. |
| 11.3.6 | Is-Sindku ta' *update* dwar ix-xogħlijiet li qed issiru fil-binja tal-Kunsill. Qal li xogħlijiet ta' tiswija fuq il-bejt u terazzin kienu lesti u li bix-xogħol u l-materjal tajjeb li sar se jkunu qed iservu għal sentejn oħra. Wara dan ix-xogħol, inbdew ukoll ix-xogħlijiet fuq is-soqfa tal-uffiċju tas-Sindku u dak tas-Segretarju Eżekuttiv minn ġewwa. L-impjegati ħadu ħsieb li jixtru ż-żebgħa bħal ma kienet ta` qabel ħalli fil-ġranet li ġejjin permezz tal-ħaddiema assenjati, jinżebgħu l-uffiċini wara li jitlesta x-xogħol fuq is-soqfa. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera preżenti, jekk jaqblux li kif għaddejin bix-xogħlijiet, inġibu diversi stimi ħalli jinżebaħ l-uffiċju tal-Kunsill minn barra. Qed niġbru ukoll l-istimi ħalli jiġi eleminat il-periklu li hemm fil-gallerija tal-ewwel sular. Il-Kunsill qabel unninament fuq din il-proposta. Fil-ġranet li għaddew is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-sid tal-binja, fejn din ġiet rat ix-xogħlijiet li qed isiru u nfurmatna li l-kuntratt se jiġi mġedded għal tlett snin oħra, bl-istess kundizzjonijiet kollha li fih il-kuntratt preżenti. Għal din is-sena l-kirja se tibqà kif inhi preżentament. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir ftehim mas-sid li hi qed taċċetta li titneħħa l-periklu tal-gallerija tal-ewwel sular u li jinbenna ħajt sabiex ikun sigur għal min jagħmel użu mill-uffiċju. Għas-seduta li jmiss id-Deputat Segretarju Eżekuttiv se jippreżenta lill-Kunsilliera, *summary* tal-ispejjeż li nfaqna u li hemm ippjanati li nonfqu għal dawn ix-xogħlijiet. |
| 11.3.7 | Is-Sindku iltaqa' mal-persuna teknika li se tieħu ħsieb il-bord tal-għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-bord tal-għażla se jkun kompost mis-Sindku Steven Grech bħala c-*Chairman*, il-Kunsilliera Dr.Janice Chetcuti, 3 persuni oħra tekniċi fil-qasam tal-Kunsilli Lokali flimkien mas-Segretarju tal-Bord. Is-Sindku nnomina lill-Kunsillier Daniel Zerafa sabiex ikun bħala riserva f'każ ta' xi ħadd mill-membri jkun assenti dakinhar tal-intervisti. |
| 11.3.8 | Wara l-aħħar maltempata li saret, is-Sindku tkellem fuq il-*breakwater* u l-bajja tal-Magħluq. Tkellem ma' Transport Malta u li hu bagħtilom ir-ritratti ta' kif ġew riżultat tal-maltempata. Dawn issa verament jinsabu fi stat ħażin ħafna u li hemm bżonn t'intervent fuqhom. Aħna bħala Kunsill se nkunu qed nitolbu l-għajnuna kollha possibli ħalli jsiru l-interventi fuqhom mill-aktar fiss, kemm fil-bajja tal-Magħluq u wkoll fuq il-breakwater. |
| 11.3.9 | Rigward il-ġnien ta' wara l-*car park*, se jsiru diskussjonijiet mal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġonna pubbliċi sabiex inħawlu diversi siġar fuq din l-art u nirranġaw il-ħitan li hemm fil-preżenti b'żewġ filati ġebel tas-sejjieħ. Is-Sindku se jkellem ukoll il-Perit ħalli jagħmel pjanta ta' dan il-ġnien. |

| | |
|---|---|
| 11.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 11.4.1 | Ma kienx hemm. |
| 11.5 | Rapporti |
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Diċembru 2019 mingħand il-Wasteserv, fejn ġejna nfurmati li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart organiku, naqas milli jmur fil-faċilità tal-Wasteserv għal 31 darba sat-30 ta' Novembru. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar li aħna Marsaxlokk konna parti mill-proġett pilota li kien sar fil-bidu nett. Il-Wasteserv ittina rivużjoni tal-ħlas skond il-piż li jkun nġabar u għalhekk issa din il-kumpanija qed titolb revużjoni tal-pagamenti. Dawn s'issa jammontaw għal 31 darba li ma l-kuntrattur naqas milli jmur jarmi fil-faċilità tal-Wasteserv kif u fejn suppost. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt mal-kuntrattur u talbu biex jiġi jiltaqgħa mal-Kunsill u jtina kopja tad-dokumenti ta' kull darba li mar jarmi tul dan il-perjodu. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li nfittxu fil-kuntratt u nsibu fejn l-kuntrattur huwa obbligat li jmur jarmi.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Diċembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsilliera, kopja tal-ittra bl-allokazzjoni finanzjarja u l-funzjonijiet li din iġġib magħha għas-sena 2020.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja ta' ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk u Segretarju Parlamentari għad-drittijiet tal-Annimali bl-isem ta' *'The LC Care Project Grant Support Scheme' A fund for Local Councils for Caring of Animals in the Residential Environment*. Il-Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti bħal Kunsilliera responsabbli mill-annimali qalet li sejħet laqgħa għar-residenti wara li fuq sit soċjali kien hemm diskussjoni dwar l-annimali fit-toroq tagħna u li sfortunatament kull m`attendew kienu biss 7 residenti. Wara spjegazzjoni dettaljata dwar il-proposti li ħarġu minn din il-laqgħa, Dr.Chetcuti se taqra sew dan il-ftehim sas-seduti li jmiss, u se tressaq il-proposti tagħha għal diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 10 ta' Diċembru 2019 mingħand ir-Reġjun Xlokk, sabiex dawn ituna *Black Twin Bins* għal-lokalità tagħna. Ir-Reġjun Xlokk se jgħaddi refużjoni kollu tal-pagament lil kull Kunsill wara li dan ikun ħareġ il-ħlas tiegħu lis-*supplier* tal-*bins*. Wara diskussjoni twila ġie deċiż li din il-materja terġa` titqajjem fis-seduta li jmiss.<br><br>- Permezz ta' rapport mibgħut mill-MCCAA rigward il-bandli ta' Ġnien il-Familja. Is-Sindku qal li nhar il-Erbgħa 8 ta' Jannar se niltaqgħu ma' persuni ikkonċernati mill-MCCAA sabiex issir spezzjoni f'dan il-ġnien ħalli naraw x'ikun fadal pendenti.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Jannar 2020 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie apporvat il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 19 ta' Diċembru 2019 mingħand il-*Planning Authority*, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ġie nfurmat li ħargu d-dokumenti rigward l-applikazzjoni PC0090/19. |

Il-Kunsill jista` jibgħat il-kummenti tiegħu sas-17 ta' Jannar 2020. Il-Kunsill qabel li jkellem il-Kunsillier Daniel Zerafa sabiex jara jekk bħala Kunsill hemmx xi kummenti jew oġġezzjoni li nistgħu nresqqu quddiem il-*Planning Authority*.

- Permezz ta' email datata 21 ta' Diċembru 2019, kumpanija li torganizza l-attivitajiet kulturali, saqsiet lill-Kunsill Lokali jekk din is-sena hux interessati li ntellgħu attività tal-Karnival fil-Pjazza ta' Marsaxlokk, il-Ħadd tal-Karnival. Il-Kunsill qabel unninament li jiġbor 3 kwotazzjonijiet għal din l-attività sa massimu ta' €1,500.

- Permezz ta' korrispondenza datata 18 ta' Diċembru 2019 mingħand residenta li toqgħod f'blokka fi Triq iż-Żejtun. Din qed titlob sabiex issiru *1m double yellow line* fil-ġenb tal-entratura tal-*garage*. Il-Kunsill unninament qabel li din issir.

- Permezz ta' korrispondenza datata 16 ta' Diċembru 2019 mingħand persuna li għamel użu mill-latrini pubbliċi rigward ħmieġ u tkissir li fiha. Is-Sindku qal li tkellem ma' FTZD u se ssir laqgħa magħhom sabiex dawn il-latrini jiġu rranġati permezz tal-ħaddiema tagħhom. Il-materjal marbut irid jiġi mħallas mill-Kunsill wara li niġbru tlett kwotazzjonijiet.

- Permezz ta' korrispondenza datata 10 ta' Diċembru 2019 mingħand bejjiegħ tal-monti li jarma f'Marsaxlokk, qal li bħalissa l-monti ta' nhar ta' Ħadd hemm disordni sħiħa. Il-Kunsill qabel li nirrispondu lil dan il-bejjiegħ lura, u ngħidulu li qegħdin fil-proċess li l-monti jiġi organizzat fix-xhur li ġejjin.

- *Il-ħin huwa s-5.52pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li resident xtaq jitkellem.*

  ---------------------------------------------------------------------------------------------------
- *Il-ħin huwa is-6.05pm u l-laqgħa tkompliet.*

- Permezz ta' korrispondenza oħra datata 14 ta' Diċembru 2019 mingħand l-organnizazzjoni Marsaxlokk Heritage, fejn fiha bagħtu kopja ta' ittra li rċievew mingħand l-*Arts Council Malta*, fejn dawn ma sabu l-ebda oġġezzjoni li jsir monument għas-sajjieda fi Triq iż-Żejtun. Il-Kunsilliera preżenti qablu li nibgħatu lil Marsaxlokk Heritage, sabiex ngħidu li bħala Kunsill naqblu li l-monument għandu jsir fiz-zona tal-Magħluq - wara li tkun ġiet riġenerata mill-ġdid.

- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar *overtime* li qed issir fil-*weekend* minn wieħed mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill. Dan il-ħaddiem xogħlu hu li jkun assenjat mal-latrini pubbliċi matul il-ġimgħa, u kif ukoll fil-*weekend*. Wara diskussjoni twila, l-Kunsill qabel li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv jitkellem ftit ma' dan il-ħaddiem sabiex naraw fejn jista jitjieb is-servizz li qed jagħti dan il-ħaddiem.

- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv reġa` ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill email, b'Direttiva7/2019 bis-suġġett '*Risk Assessment tal-Playing Fields* madwar Malta u Għawdex' datata 4 ta' Diċembru 2019. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jiġbor 3 kwotazzjonijiet għal *Risk Assessments* għal *Playing Fields* li għandna fil-lokal.

| | |
|---|---|
| | - Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali, avviżi ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Awotità tal-Ippjanar, għall-żviluppI bin-numri:<br><br>PA/09848/19, RG/02739/19, PC/0090/19, PA/09801/18, PA/06281/19, PA/09832/19, PA/08809/18, RG/02231/19, EC/00219/19, PA/01047/19, PA/05306/19, PA/08310/19, RG/01896/19.<br><br>Ġie deċiż illi nkellmu lill-Kunsillier Daniel Zerafa peress li hu l-Kunsillier inkarigat, biex jara dawn l-applikazzjonijiet u jekk hemmx bżonn ta' korrispondenza fuqhom. |
| 11.6 | Mozzjonijiet |
| 11.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 11.7 | CCTV's f'Marsaxlokk |
| 11.7.1 | - Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Data Protection Officer tal-Kunsill Lokali, rigward installazzjoni ta' diversi CCTV's u l-liġi tad-GDPR. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li minn din il-laqgħa ħareġ li aħna bħala Kunsill l-ewwel irridu niddentifikaw l-postijiet fejn bħala Kunsill Lokali, naħsbu li hemm bżonn issiru dawn ic-CCTV's. Wara id-DPO jagħmel rapport wieħed tal-GDPR. Fis-seduta li jmiss kulħadd se jressaq il-proposti tiegħu. |
| 11.8 | *Contracts Manager* |
| 11.8.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-*Conctracts Manager* tal-Kunsill Lokali u li din hi waħda obbligatorja. Wara diskussjoni libera bejn dawk preżenti ġie deċiż li niġbru 3 kwotazzjonijiet għal servizz ta' *Contract Manager* sabiex inkunu konformi mal-liġi. |
| 11.9 | *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv |
| 11.9.1 | Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera, il-*Performance Bonus* appraisal għad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, għaż-żmien li okkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-2019. Iż-żmien kien bejn l-14 u l-31 ta' Diċembru 2019. Hu ressaq quddiem il-Kunsill sabiex is-Sur Brincat jingħata l-massimu ta' dan il-Bonus. Kien hemm qbil unnanimu bejn il-Kunsilliera preżenti li dan jingħata kif ressaq is-Sindku. |
| 11.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 11.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.1/20) għall-approvazzjoni. |
| 11.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, ssekondata mis-Sa Janice Chetcuti, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi anessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| | |
|---|---|
| 11.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ għall-aħħar parti tax-xahar ta' Diċembru 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 11.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 11.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Frar 2020, fl-4.00pm. |

Konfermati, illum 6 ta' Frar 2020.

IFFIRMATA

_______________________

Steven Grech
*Sindku*

IFFIRMATA

_______________________

Jordy Brincat
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*